MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 157/2004/1

**Mario Grech u martu Stefanie Grech**

**v.**

**Michael u Maria Josette konjugi Bezzina**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dawn huma zewg appelli intavolati miz-zewg partijiet minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili datata 4 ta' Dicembru 2008 li ddisponiet mill-kawza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u laqghat it-talba attrici li biha

kkundannat lill-kovenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm12,000 ekwivalenti ghal €27,952.48, liema somma ghandha tithallas mill-konvenuti lill-atturi minghajr imghax u cahdet it-talba attrici ghall-hlas tal-imghax.

Ghal intendiment ahjar ta’ dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:

“Il-Qorti:

“Rat ic-citazzjoni opprezentata mill-atturi fit-3 ta’ Marzu, 2004, li *in forza* taghha, wara li ippremettew:

“Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi fis-somma ta' sittax-il elf, erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm 16,410.00) rapprezentanti din is-somma prezz bilancjali fuq merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenuti bejn is-sena 2001 u s-sena 2002, flimkien ma' l-imghaxijiet kummercjali, bl-ghola rata permessa mil-ligi;

“Illi ghalkemm mitlubin diversi drabi mill-atturi sabiex ihallsu, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

“Illi l-kreditu ta' l-atturi fis-somma ta' sittax-il elf, erba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm 16,410.00), flimkien ma' l-imghaxijiet kummercjali, bl-oghla rata permessa mil-ligi, huwa cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jafu l-atturi, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f’din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affdavit ta' hawn anness u markat Dok MG;

“Talbu ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex :

“1. taghti s-sentenza u tilqa' t-talba attrici bla ma tghaddi ghas-smigh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

“2. hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf, erba' mija u ghaxar liri

Maltin (Lm 16,410.00) rapprezentanti din is-somma prezz bilancjali ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti bejn is-sena 2001 u s-sena 2002 flimkien ma' l-imghaxijiet kummercjali, bl-ghola rata permessa mil-ligi;

“3. bl-imghaxijiet kummercjali sad-data ta' l-effettiv pagament;

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju u mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tal-atturi;

“Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Marzu 2004, li permezz tieghu akkordat lill-konvenuti ghoxrin jum minn dakinhar biex jipprezentaw in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghhom;

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Michael u Maria Josette konjugi Bezzina, li *in forza* taghha huma eccepew :

“1. Illi t-talbiet attrici huma intempestivi stante illi l-atturi qatt ma interpellaw lill-eccipjenti gudizzjarjament ghall-hlas, izda l-attur pprocedew ghal istituzzjoni ta' din il-kawza;

“2. Illi t-talbiet attrici kif dedotti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u huma ezagerati u eccessivi, stante illi l-bilanc realment dovut mill-eccipjenti huwa ta' Lm2,000 (elfejn lira Mahin) u mhux is-somma ta' Lm16,410 (sittax -il elf, erba' mija u ghaxar liri) kif reklamat mill-atturi fic-citazzjoni promotrici, u dan kif ser jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“3. Illi di piu l-eccipjenti qatt ma rrifjutaw li jhallsu lill-atturi l-bilanc ta' Lm2,000 (elfejn lira Mahin) minnhom effetivament dovut, izda l-eccipjenti ma ghamlux dan stante illi l-atturi naqsu milli jghaddu lill-istess eccipjenti r-ricevuti ghall-pagamenti kollha vversati minghajr ebda raguni valida fil-ligi, u ghaldaqstant l-eccipjenti ma ghandhomx ibatu la l-ispejjez ta' din il-kawza, u lanqas l-

imghax, u dan anke' fuq l-iskorta tal-principju “malitis non est indulgendum”;

“4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

“Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Michael u Maria Josette konjugi Bezzina;

“Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

“Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-atturi tas-7 ta’ Lulju 2008;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed l-attur u qal illi huwa u martu kienu willew hanut li iggib l-isem ta’ Buy Pass Discount Store Ghaxaq lill-konvenut Michael Bezzina u l-prezz tat-twellija kien ta’ tnejn u ghoxrin elf lira (LM22,000). Inoltre, l-atturi hallew stock ta’ sittax il-elf lira Maltin (LM16,000) fl-ixkafef tal-hanut. L-attur qal illi meta ghamlu l-ftehim il-konvenut kien tah tmient elef lira (LM8,000) permezz ta’ cekk u ghoxrin elf lira (LM20,000) permezz ta’ cekk iehor u kien fadal bilanc ta’ ghaxar telef lira (LM10,000) u l-konvenut kien weghdu illi kien ser jhallashom permezz ta’ overdraft illi kellu johrog f’ismu ghal dan il-ghan. L-attur kompla jixhed fis-sens illi fis-7 ta’ Settembru 2001 hu u martu u certu Alfred Gatt ghamlu stock taking tal-hanut. Kien gie wkoll Michael Bezzina, il-mara tieghu u xi qraba taghhom. Ic-cwievet tahomlu dakinhar stess. Madwar gimgha wara, mart Michael Bezzina kienet tatu bil-miktub il-kundizzjonijiet tat-twellija u minn din il-kitba, Dok MG 1, johrog car illi l-konvenuti kien ghad fadlilhom ihallsu lill-atturi is-somma ta’ ghaxar telef lira Maltin (LM10,000). L-attur kompla jixhed illi ma kienx gie stabbilit bil-miktub kif il-konvenuti kienu ser ihallsu din is-somma ta’ ghaxart elef lira (LM10,000) izda ftehmu illi kif il-konvenuti jiehdu

overdraft kienu ser ihallsuhom dan l-ammont ta’ ghaxart elef lira (LM10,000), izda kitba dwar dan ma saritx. Izda gimgha wara il-mara ta’ Bezzina ghamlet dikjarazzjoni bil-miktub fis-sens illi l-konvenuti kien ghad fadlilhom jaghtu lill-atturi is-somma ta’ ghaxart elef lira sa dak l-istadju. Fis-7 ta’ Settembru 2001 Michael Bezzina kien qallu li ma riedx biss l-istock ta’ ixkaffef, izda ried ukoll l-istock li kellu l-attur fi tlett garaxxijiet f’Hal-Ghaxaq. L-attur accetta li jaghtih dan l-istock, ma kienx cert dwar il-valur ta’ l-imsemmi stock u ghalhekk il-partijiet qablu dwar il-prezz ta’ tnax il-elf lira Maltin (LM12,000), b’dan illi meta ittellghu ix-xoghol mill-garaxxijiet ghall-hanut kienu jiktbu f’hiex kien jikkonsisti l-istock. Ftehmu wkoll illi jaghmlu kitba quddiem in-Nutar dwar dawn it-tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) u fil-fatt il-kitba saret. L-attur kompla jixhed illi l-konvenut kellu jhallas separatament ghall-istock ta’ Hal-Ghaxaq u mhux flimkien ma l-ammont li kellu jaghti lill-atturi ghat-twellija tal-hanut bl-istock li kellu fih, u ftehmu illi l-konvenut kellu jaghti lill-atturi pagamenti sostanzjali fil-gimgha. L-ammont gie deciz bejn il-partijiet permezz ta’ skrittura datata 23 ta’ Ottubru 2001 li saret quddiem in-Nutar Zammit Maempel. Permezz ta’ din l-iskrittura, il-partijiet ftehmu illi ghall-istock illi l-konvenut kien ha mill-garaxxijiet ta’ Hal-Ghaxaq il-konvenut kellu jhallas mitt lira Maltin (LM100) fil-gimgha, izda il-konvenut ried aktar stock u l-attur ftiehem li jaghtih ukoll stock mill-garaxx li kellu fil-Kalkara u minn dan il-garaxx l-attur ta lill-konvenut madwar erba telef u erba mitt lira Maltin (LM4,400) fi stock li taghhom il-konvenut baqa ma hallasx. L-attur kompla jghid illi b’kollox ta lill-konvenut bi tnejn u tletin elf u erba mitt lira Maltin (LM32,400) stock minhabba li tah sittax il-elf lira (LM16,000) stock li kien fil-hanut u tah ukoll sittax il-elf u erba mitt lira (LM16,400) ohra stock mill-garaxxijiet ta’ Hal-Ghaxaq u tal-Kalkara, u dawn l-ammonti ma jinkludux it-tnejn u ghoxrin elf lira Maltin (LM22,000) dovuti ghat-twellija tal-hanut. L-attur kompla jixhed illi l-konvenut beda ma jhallasx il-pagamenti kif kienu ftehmu. Fil-fatt kien jaghtih hamsin lira (LM50) fil-gimgha u l-kumplament kien jaghtihomlu xirjiet. Gieli tah biss erbghin lira (LM40) fil-gimgha in kontanti u l-bqija jaghtihomlu xirjiet. Fl-ahhar beda jaghtih biss hamsa u ghoxrin lira Maltin (LM25) fil-gimgha u waqqaf kompletament ix-xirjiet. Aktar ma beda

jghaddi z-zmien anqas ma beda jhallas il-konvenut. L-attur xehed ukoll illi l-konvenut naqas milli jhallas il-permessi tal-hanut u peress illi l-permessi ghadhom f'ismu qieghed jigi interpellat hu sabiex ihallas ghall-imsemmija permessi u l-istess ighodd dwar il-meters tad-dawl u il-ilma ghaliex skond l-attur il-konvenut ma iridx jaqlibhom f'ismu.

"Ikkunsidrat :

"Illi l-Qorti rat a fol. 48 tal-process vera kopja ta' skrittura privata datata 23 ta' Ottubru 2001 illi permezz taghha il-konvenuti ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri versu u a favur ta' l-atturi fis-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) rapprezentanti valur ta' stock mibjugh mill-atturi lill-konvenuti. Permezz ta' din l-istess skrittura privata il-konvenuti obbligaw ruhhom illi jhallsu lura din is-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) lill-atturi permezz ta' pagamenti ta' mhux anqas minn mitt lira Maltin (LM100) fil-gimgha li jibdew jghaddu minn dakinhar ta' l-iskrittura u jithallsu kull gimgha b'lura minghajr imghax.

"Ikkunsidrat :

"Illi xehed il-konvenut u fost affarijiet ohra li qal xehed illi huwa u martu kienu qablu mal-atturi illi jiffirmaw skrittura kif fil-fatt ghamlu quddiem in-Nutar Spiteri Maempel fit-23 ta' Ottubru 2001 fejn ftehmu illi huma, jigifieri l-konvenuti kien ghad fadlilhom ihallsu lill-atturi is-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) u dan kemm fir-rigward tat-twellija tal-hanut, kif ukoll dwar l-istock illi l-attur kien tah sussegwentement. Il-konvenut xehed illi wara li saret din l-iskrittura huwa ma ha l-ebda stock iehor minghand l-attur. Il-konvenut kompla jixhed illi wara li saret l-iskrittura l-atturi kienu jigu l-hanut taghhom u jiehdu xirjiet li diversi drabi kienu jaqbzu l-ammont ta' hamsin lira Maltin. Huwa kompla jixhed illi flimkien ma martu kienu jghoddu l-ammonti ta' flus illi hallsu lill-atturi u kienu ikkalkulaw li kienu hallsuhom is-somma ta' ghaxart elef u erba liri Maltin (LM10,004) u ghalhekk hu beda jinsisti ma l-attur sabiex jaghmillu ircevuta li hu kien hallsu dawk il-flus

kollha, izda l-attur qatt ma ried jaghtih ircevuta f'dan is-sens. Il-konvenut kompla jixhed illi ghall-habta ta' Frar tas-sena 2004 ma baqax ihallas aktar lill-attur peress illi l-attur ma riedx jaghmillu l-ircevuta ta' l-ghaxart elef lira li semma fix-xiehda tieghu, izda dejjem kien jghidlu jiena naf li tajthomli u kien ihallih b'hekk. Wara ftit taz-zmien minn meta ma baqax ihallas lill-attur, il-konvenut kien irceva citazzjoni tal-Qorti. Il-konvenut ikkontenda illi l-ftehim kien sar fuq is-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) u minnhom huwa kien diga hallas lill-attur is-somma ta' ghaxart elef lira u ghalhekk sostna illi huwa ghandu jaghti biss lill-attur is-somma ta' mhux aktar minn elfejn lira Maltin (LM2,000).

"Ikkunsidrat :

"Illi a fol. 10 tal-process, kif diga intqal, giet esebita l-iskrittura iffirmata fit-23 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha il-konvenuti ikkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri ta' l-atturi fis-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) li kellhom jithallsu permezz ta' pagamenti ta' mitt lira fil-gimgha (LM100) gimgha b'lura minghajr imghax.

"Illi a fol. 30 tal-process hemm esebit dokument datat 17 ta' Lulju 2001, liema dokument gie allegatament iffirmat mill-konvenuti rapprezentanti ammont dovut lill-atturi ghal stock.

"Illi a fol. 84 tal-process hemm notamenti li hadu l-konvenuti ta' xirjiet illi allegatament hadu l-atturi u li il-konvenuti naqqsu mill-ammont illi kellhom jaghtu lill-atturi.

"Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi t-talbiet attrici huma intempestivi stante illi l-atturi qatt ma interpellaw lill-konvenuti gudizzjarjament ghall-hlas, izda pprocedew b'din il-kawza.

"Illi l-Qorti tara illi l-atturi bdew din il-kawza bil-procedura tal-giljottina ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12.

"Illi l-Artikolu 889 tal-Kap.12 li jitkellem dwar protest u ittra ufficjali, jghid illi l-interpellazzjoni b'att gudizzjarju hija obbligatorja biss meta l-ligi tghid hekk espressament.

"Illi f'kawzi illi jibdew bi proceduri sommarji bhal dik odjerna mhuwiex rikjest illi issir interpellazzjoni qabel permezz ta' att gudizzjarju u ghalhekk il-Qorti qeghda tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

"Illi dwar il-mertu, il-Qorti rat illi l-iskrittura esebita a fol. 10 tal-process hija datata 23 ta' Ottubru 2001 u ghalhekk tigi wara l-iskrittura esebita a fol. 30 tal-process.

"Illi l-kliem ta' l-iskrittura datata 23 ta' Ottubru 2001 huwa car u cioe' illi is-somma ta' tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) dovuta mill-konvenuti hija bla imghax u tirrapprezenta valur ta' stock mibjugh mill-komparenti mizzewgin Grech lill-komparenti mizzewgin Bezzina qabel il-gurnata ta' l-iskrittura.

"Illi l-atturi jippretendu illi minbarra hekk hemm bilanc iehor dovut ghal xiri ta' stock, u dan skond skrittura esebita a fol. 30 tal-process li ggib id-data ta' tlett xhur qabel l-iskrittura li saret ghand in-nutar fit-23 ta' Ottubru, 2001.

"Illi l-atturi pprezentaw ukoll a fol. 31 tal-process lista tal-istokk allegatament mghoddi lill-konvenuti.

"Illi il-konvenut Michael Bezzina jikkontendi li l-firma a fol 30 tal-process m'hijiex tieghu. Izda ma hemm l-ebda dubbju li l-firma hija ta' l-istess konvenut, kif ammettiet l-istess martu il-konvenuta. Izda l-iskrittura esebita a fol. 10 tal-process iffirmata mill-partijiet quddiem in-nutar hija cara fis-sens illi tirreferi ghal stock mibjugh lill-konvenuti qabel id-data tal-istess iskrittura u ghalhekk il-Qorti sejra tiskarta l-iskrittura esebita mill-atturi a fol. 30 tal-process.

"Illi f'materja kuntrattwali il-ftehim huwa ligi ghall-partijiet kontraenti. (Vide Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili u sentenza ta' din il-Qorti datata 3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet George Portanier noe vs Charles Bezzina).

“Illi l-Qorti ma tistax temmen lill-konvenuti meta jikkontendu li huma ghandhom ihallsu biss elfejn lira (LM2,000) meta sabiex jissostanzjaw din l-allegazzjoni taghhom gabu lista imhazza, minghajr firem, ta’ xirjiet illi allegatament ghamlu l-atturi mill-hanut taghhom, minghajr l-ebda indikazzjoni li tali xirjiet verament inghataw lill-atturi minghajr hlas u bhala pagament akkont, kif qeghdin jippretendu l-konvenuti.

“Ikkunsidrat :

“Illi min jallega irid jipprova u l-konvenuti ma irnexxielhomx jippruvaw dan a sodisfazzjon tal-Qorti.

“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, dwar l-ewwel talba attrici, tiddikjara illi din giet respinta bid-digriet taghha tad-29 ta’ Marzu, 2004, <u>tilqa</u> t-tieni talba attrici, izda <u>limitatament</u> ghall-ammont ta’ tnax il-elf lira Maltin (LM12,000) ekwivalenti ghas-somma ta’ seba u ghoxrin elf disa mija u tnejn u hamsin euro u tmienja u erbghin euro centezmu (€27,952.48) liema somma ghandha tithallas mill-konvenuti lill-atturi minghajr imghax u ghalhekk il-Qorti <u>tichad</u> it-tielet talba attrici ghall-hlas tal-imghax.

“Bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenuti.”

**L-appell tal-konvenuti Bezzina**

Illi l-konvenuti Bezzina hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita u interponew appell permezz ta’ rikors datat 23 ta’ Dicembru 2008.

Illi l-aggravji taghhom in succint huma s-segwenti:-

1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li gew prodotti quddiemha, in partikolari ghall-fatt li skont l-ewwel Qorti kien jezisti debitu iehor apparti dak registrat fl-iskrittura tat-23 ta’ Ottubru 2001;

2. Illi huwa inverosimili li mid-data tal-imsemmija skrittura sa meta giet intavolata l-kawza huma m'ghamlu l-ebda pagament lill-atturi.

**Ir-risposta tal-konjugi Grech**

L-atturi konjugi Grech wiegbu illi Qorti ta' revizjoni m'ghandhiex tindahal biex tissindika l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti. Huma jghidu li x-xhieda tal-konvenuti hija wahda inveritiera u inverosimili. Fir-rigward tal-pagamenti da parti tal-konvenuti huma jghidu li l-istess konvenuti ma kinux qeghdin ikunu regolari fil-hlas tal-istess u ghalhekk li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tajjeb tal-provi.

**L-appell tal-atturi Grech**

Illi l-atturi wkoll hassewhom aggravati bis-sentenza sudetta u intavolaw appell permezz ta' rikors datat 24 ta' Dicembru 2008. Illi huma jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta hadet in konsiderazzjoni biss l-iskrittura tat-23 ta' Ottubru 2001 u kellha tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-ammont ta' Lm16,410 u mhux biss dak ta' Lm12,000.

Illi l-atturi hassewhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti naqset milli tikkundanna lill-konvenuti jhallsu imghax kummercjali bir-rata ta' 8% u dan stante li huma kellhom dritt skont il-ligi li jigu kumpensati tad-dewmien fl-esekuzzjoni tal-obligazzjoni bil-hlas tal-istess imghax.

**Ir-risposta tal-konjugi Bezzina**

Illi l-konvenuti Bezzina rrispondew ghall-appell tal-atturi u qalu li dak li qed jitolbu l-atturi huwa evalwazzjoni ta' fatt. Fir-rigward tal-aggravju dwar l-imghaxijiet il-konvenuti rrilevaw li l-kundanna ghal hlas tal-imghax kummercjali kienet ghal kollox diskrezzjonali ghall-ewwel Qorti.

**Fatti tal-kawza**

Il-konvenuti Bezzina kienu hadu t-twellija ta' hanut minghand l-atturi Grech. Apparti mit-twellija huma hadu

wkoll xi stock minghandom. Illi fis-17 ta' Settembru 2001 il-konvenuti Bezzina ffirmaw skrittura rigwardanti l-istess twellija u stock filwaqt li permezz ta' skrittura ohra datata 23 ta' Ottubru 2001 huma kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri favur l-atturi fl-ammont ta' Lm12,000 valur ta' stock mibjugh qabel dakinhar. L-istess dejn kellu jigi saldat permezz ta' pagamenti ta' Lm100 fil-gimgha.

Filwaqt li l-atturi jishqu li wara din l-iskrittura huma kkonsenjaw stock iehor lill-konvenuti Bezzina, dan hu michud mill-istess konvenuti li jissottomettu li l-uniku bilanc li fadal favur l-atturi huwa dak ta' Lm12,000 rizultanti mill-iskrittura tat-23 ta' Ottubru 2001. Il-konvenuti jissottomettu li minn dawn huma hallsu madwar Lm10,000 izda l-atturi qatt ma tawhom ricevuta taghhom. Dawn l-Lm10,000 huma hallsuhom fi flus u f'affarijiet li l-atturi kienu jiehdu mill-hanut li kienu wellewlhom. Il-bilanc illum dovut skont il-konvenuti huwa ta' Lm2,000.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet innegozjaw bejniethom twellija ta' hanut f'Hal-Ghaxaq fejn il-konvenuti akkwistaw ukoll xi stock minghand l-atturi. Illi l-kwistjonijiet principali ta' din il-kawza huma tnejn u cioe`:-

1. Kemm kien l-istock li rcevew il-konvenuti
2. X'bilanc ghadu dovut lill-atturi

Dak li qeghdha tintalab taghmel din il-Qorti fiz-zewg appelli intavolati huwa principalment li terga' taghmel apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti. L-insenjament fuq din il-materja huwa abbundanti fis-sens illi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni m'ghandhiex – bla raguni gravi u impellenti – tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti.

Din il-Qorti se titratta z-zewg appelli flimkien peress li kif gia` nghad iktar 'il fuq dak li bazikament qeghdin jitolbu l-appellanti huwa apprezzament mill-gdid tal-provi, ghajr ghall-ahhar aggravju tal-atturi Grech dwar l-imghax.

**Stock kollu mibjugh lill-konvenuti Bezzina**

Il-Qorti sejra l-ewwel tiddeciedi l-kwistjoni jekk l-iskrittura privata datata 23 ta’ Ottubru 2001 kinitx tinkludi fiha l-istock kollu mibjugh lill-konvenuti Bezzina jew le. F’dawn il-proceduri gew prezentanti zewg skritturi koncernanti l-istock. Wahda datata 17 ta’ Settembru 2001[1] fejn il-konvenuti jirrikonoxxu li ghad baqghalhom jaghtu lill-atturi bilanc ta’ Lm10,000, u skrittura privata ohra datata 23 ta’ Ottubru 2001[2] fejn l-istess partijiet qablu li l-bilanc li kien dovut kien ta’ Lm12,000. Filwaqt li l-atturi jissottomettu li din l-ahhar skrittura saret indipendentement minn dik ta’ Settembru 2001, il-konvenuti jissottomettu li l-uniku bilanc li hemm favur l-atturi hu dak rizultanti mill-iskrittura ta’ Ottubru 2001.

Din il-Qorti ezaminat ix-xhieda u d-dokumenti kollha pprezentati fl-atti u hi tal-fehma li dak dikjarat fl-iskrittura tat-23 ta’ Ottubru 2001 kien l-uniku bilanc li kien fadal favur l-atturi. Fil-fatt fl-istess skrittura hemm imnizzel li l-konvenuti kkostitwew ruhhom veri, certi u likwidi debituri versu u a favur tal-atturi fis-somma ta’ Lm12,000 “rapprezentanti valur ta’ stock mibjugh mill-komparenti Grech lill-komparenti Bezzina **qabel illum**”. Dan jindika li kwalunkwe ammont li seta’ kien hemm pendenti bejn il-partijet qabel l-iffirmar tal-istess skrittura gie konsolidat u assorbit fl-ammont ta’ Lm12,000.

Madankollu l-atturi jinsistu illi anke wara l-istess data huma baqghu jissupplixxu bl-istock lill-konvenuti. Biex isahhu din il-pretensjoni taghhom l-atturi esebew sensiela ta’ invoices[3] fejn hemm ghadd ta’ merkanzija mnizzla fuqhom, izda ta’ min wiehed jinnota illi fuq il-maggor parti ta’ dawn l-invoices la hemm lil min kienet qed tigi konsenjata l-istess merkanzija u lanqas minghand min. Dan apparti l-fatt li fejn hemm data, ghajr ghal invoice wahda, din tipprecedi dik tal-iskrittura privata datata 21 ta’ Ottubru 2001. Ghalhekk din il-Qorti ma thossx illi l-atturi

[1] Ara fol. 30.
[2] Ara fol. 48.
[3] Ara fol. 31 sa 47.

ppruvaw b'mod sodisfacenti illi huma kienu kkonsenjaw tali merkanzija lill-appellanti Bezzina.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi l-atturi m'ghandhomx ragun fil-pretensjoni taghhom illi l-ammont ta' stock mghoddi lill-konvenuti kien wiehed ikbar, jew li sahansitra kien hemm iktar stock mghoddi wara l-istess skrittura u dan anke in vista tal-fatt li ma gew prodotti l-ebda skritturi ohra jew invoices iffirmati mill-konvenuti li huma effettivament ircevew tali stock.

**Pagamenti**

Il-Qorti issa sejra tezamina l-kwistjoni tal-pagamenti o meno tal-istess debitu ta' Lm12,000. Din il-Qorti hija tal-fehma illi l-uniku ammont li kien dovut huwa dak rizultanti mill-iskrittura datata 23 ta' Ottubru 2001. Mill-pretensjoni attrici iridu jitnaqqsu l-ammonti ta' Lm10,000 (rizultanti mill-iskrittura tas-17 ta' Settembru 2001 li kemm l-ewwel Qorti u din il-Qorti mhux se tiehu konjizzjoni taghha) u l-istock li l-atturi Grech jallegaw li Bezzina ha mill-garaxxijiet tal-Kalkara fl-ammont ta' Lm4400 stante li dan ma giex sodisfacentement ippruvat.

Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti meta qalet illi l-allegazzjoni tal-konvenuti li l-atturi kienu jithallsu wkoll permezz ta' xirjiet ma tistax titwemmen, u dan peress illi l-istess atturi jammettu li kienu jiehdu xirjiet mill-hanut tal-konvenuti. Huwa veru li l-ammont ta' dawn ix-xirjiet u tal-pagamenti fi flus kontanti ma giex kristallizzat b'certezza. Madankollu meta wiehed jiskarta is-sommom ta' Lm10,000 u Lm4,400 fuq imsemmija mill-ammont pretiz mill-atturi fit-talbiet taghhom, jibqa' bilanc favur taghhom xi Lm2,000, liema ammont il-konvenuti Bezzina mill-bidu nett kienu ammettew li kien l-uniku bilanc li ghadu dovut. Dan il-bilanc il-konvenuti rrifjutaw li jhallsuh wara li l-atturi ma rrilaxxawlhomx ricevuta ghall-ammonti li diga kienu rcevew.

Ghaldaqstant din il-Qorti thoss li l-appellanti Bezzina kienu gustifikati fl-ilment taghhom li l-ewwel Qorti ghamlet

apprezzament hazin tal-fatti hekk kif jirrizultaw mill-provi mressqa quddiemha.

**Imghax**

Jonqos biss li tigi deciza il-kwistjoni dwar l-imghaxijiet. L--atturi jissottomettu illi l-imghaxijiet ta' 8% ghandhom jiddekorru mill-gurnata li fiha l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita. Mill-iskrittura datata 23 ta' Ottubru 2001 jirrizulta illi l-ammont ta' Lm12,000 kellhom jithallsu b'pagamenti ta' Lm100 fil-gimgha bla imghax. Fl-istess skrittura ma giet imnizzla l-ebda klawsola fejn id-debituri kellhom jitilfu l-beneficcju taz-zmien jekk jonqsu milli jhallsu xi rati ta' pagamenti. Minn kalkolu li ghamlet din il-Qorti dan ifisser li l-ammont kollu kellu jigi saldat sat-12 ta' Frar 2004. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ghalkemm il-ftehim bejn il-partijiet kien li ma kellux jghaddi imghax fuq l-ammont dovut, izda billi l-istess dejn huwa wiehed kummercjali kif ukoll in vista tal-fatt illi l-konvenuti ma ssaldawx l-ammont kollu u lanqas iddepozitaw il-bilanc li skond huma kien dovut, taht l-Awtorita` ta' din il-Qorti, ghandu jiddekorri l-imghax legali mit-12 ta' Frar 2004 fuq is-somma bilancjali ta' €4,658.75 ekwivalenti ghal Lm2,000.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appelli interposti, billi fl-ewwel lok, tilqa' in parte l-appelli tal-konjugi Bezzina u tal-konjugi Grech u, ghalhekk, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkundana lill-appellanti Bezzina ihallsu lill-appellanti Grech is-somma ta' €4,658.75 ekwivalenti ghal Lm2,000 oltre l-imghaxijiet legali mit-12 ta' Frar 2004. L-ispejjez kollha kemm tal-ewwel istanza kif ukoll ta' dan l-appell ghandhom jinqasmu kwantu ghal tliet kwarti ghall-atturi u kwart ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------